MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tat-22 ta' April, 2005

Numru. 307/2001

PULIZIJA
SPETTUR MARIO TONNA
VS
DARREN GATT

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Darren Gatt, ta’ 30 sena, imwieled l-Ingilterra nhar it-8 ta’ Lulju 1970, bin Leslie Henry u Margaret Grace nee’ Sehcell, u residenti gewwa ‘Penny Lane’, Triq Bettina, Gudja, u detentur tal-karta tal-identita’ numru 364887(M), u akkuzat talli nhar l-14 ta’ Novembru 2000 u fl-24 ta’ Jannar 2001, iddenunzja lill-Pulizija Ezekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq tracci ta’ reat b’mod li setghu jinbdew proceduri Kriminali sabiex jigzuraw li dak ir-reat, li kien sar kontra PC1459 Mark Anthony Buttigieg, li huwa ufficjal Pubbliku, u dan ai terminu tal-Artiklu 110(2) tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta’ Malta.

U aktar talli fl-istess zmenijiet u cirkostanzi, bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta' PC1459 Mark Anthony Buttigieg, wegghu bi kliem, b'gesti, b'kitba, b'disinji jew b'xi mod iehor, u dan ai terminu tal-Artiklu 252(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-kunsens tal-imputat ghal l-istess ghan (ara pagna 7).

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi l-Ufficjal Prosekutur Spettur Mario Tonna fix-xhieda tieghu stqarr li dawn il-proceduri bdew fuq il-kwerela prezentata minn Dr Brincat, ghan-nom ta' kwerelant PC1459, dok MT1, u gie esebit ukoll ir-rapport li kien ghamel l-imputat, Dokument MT2 a fol 16 et seq. Di piu', gie esebit mill-Ufficjal Prosekutur Dokument MT3 a fol 18 sa 20, l-istqarrija ta' PC1459 Mark Anthony Buttigieg, u MT4 a fol 22 l-istqarrija ta' PC99 Mario Portelli. L-Ufficjal Prosekutur esebixxa wkoll bhala MT5 a fol 23 sa 26 l-istqarrija tal-imputat.

L-Ispettur Tonna, fix-xhieda tieghu (ara fol 9 sa 14) xehed illi huwa ma ghamilx l-investigazzjonijiet f'dan il-kaz, izda agixxa wara li rcieva din il-kwerela ta' Dr Brincat.

L-Ispettur Tonna stqarr illi lanqas ma ezamina l-process illi kien ghaddej quddiem il-Qorti tal-Magistrati, kif diversement preseduta mill-Magistrat Scerri Herrera, fejn kien tressaq Darren Gatt, fis-seduta tat-traffic li fiha xehed ukoll PC1549.

A fol 27 et seq, PS1266 Noel Felice esebixxa l-kwerela ta' Dr Jason Azzopardi datata 24 ta' Jannar 2001, immarkata bhala dokument F (ara fol 30). Xehed ukoll li huwa ma jafx l-ezitu tal-investigazzjoni nterni tal-Pulizija fil-konfront ta' PC1459 il-ghaliex dawn kienu ghadhom pendenti.

PC 1459 a fol 31, ikkonferma l-kwerela. U wara li nghata l-caution skond il-Ligi, kompla jixhed illi fit-13 ta' Novembru, huwa kien tiela' bil-karozza li ma kinitx tal-Korp tal-Pulizija lejn il-Qorti. Illi fi Triq Dicembru 13, meta kien fuq l-"outer lane" sejjer fid-direzzjoni tal-Belt, induna illi kien hemm karozza warajh li kienet qed tpetpitlu d-dawl u ddoqqlu l-horn.

PC 1459 xehed illi huwa kien ghaddej bi speed normali, u wara ftit innota illi karozza tal-Korporazzjoni Maltacom, oltrapassatu, u li s-sewwieq ta' din il-karozza ghajru u nsulentah. PC 1459 xehed is-segwenti a fol 33:

"Hemmhekk ghamilnilu sinjal li ahna Pulizija, konna bl-uniformi u morna biex nippruvaw inwaqqfuh."

Ikompli jghid illi l-karozza tal-Maltacom bdiet taqla' diversi karozzi minghajr sinjali ta' ndicators, bdiet tinsaq bi speed eccessiv, u li l-Pulizija lahqu din il-karozza fejn il-muzew tal-Blata l-Bajda. Hawnhekk nizlu l-Pulizija biex jiehdu l-particulars tal-imputat, li kien is-sewwieq.

PC 1459 xehed illi meta staqsa lis-sewwieq ghal particulars, dan irrifjuta li jtihomlu. Wara dan, talbu biex itih il-licenzja jew ID Card jew insurance, izda dan is-sewwieq ma' kellu xejn. PC 1459 xehed illi l-imputat tah biss xi credit card, u identity card tal-Maltacom li ma kellhiex pero' ritratt.

A fol 34, PC 1459 rega' kkonferma "ahna konna bl-uniformi ghax konna gejjin il-Qorti". PC 1459 xehed ukoll illi l-imputat filfatt kien tah il-particulars hziena, il-ghaliex l-indirizz li kien tah ma kienx jaqbel mal-indirizz tal-identity card.

Mitlub jghid b’liema manjiera kellem lill-imputat, PC 1459 xehed is-segwenti a fol 35: “Jiena nzilt mill-vettura u kellimtu bl-edukazzjoni kollha jigifieri li jtini l-particulars u kollox. Kif gejna mghallmin kellimtu.”

PC 1459 xehed ukoll illi l-indirizz li kien tah l-imputat kien hazin, ghaliex ma kienx jaqbel ma dak li kien hemm fid-database tal-Pulizija.

PC 99 Mario Portelli, a fol 49, ikkonferma x-xhieda ta’ PC 1459, qal li kien duty “second watch” dakinhar tal-incident, cioe’ fit-13 ta’ Novembru, u li kienu fil-karozza hu u PC 1459 dehlin il-Belt. Meta nnutaw karozza tal-Maltacom li bdiet iddoqq il-horn u tpetpitilhom id-dwal tal-karozza, u li kif oltrepassathom, is-sewwieq ta’ din il-karozza ghajrithom u kellmithom hazin.

PC 99 xehed illi minn hemmhekk hu u PC 1459 segwew din il-karozza. Innutaw li l-karozza tal-Maltacom bdiet isserrep sabiex tevita l-karozza tal-Pulizija. PC 99 xehed illi rnexxielhom iwaqqfu l-karozza hdejn ic-centru tal-muzew il-Blata l-Bajda, fejn is-sewwieq tal-karozza tal-Maltacom, li gie identifikat bhala l-imputat, irrifjuta li jtihom il-particulars.

PC 99 xehed illi r-registration number tal-vettura tal-Maltacom kienet AAB 963. PC 99 xehed illi l-imputat tahom il-particulars biss meta l-Pulizija qalulu li ser ikollhom jarrestawh, u fejn hemmhekk l-imputat tahom l-identity card number u l-indirizz tieghu. U PC 99 xehed illi meta marru l-ghassa u ccekkjaw, sabu illi l-indirizz ma kienx jaqbel mal-identity card.

PC 99 innega illi PC 1459 kien kellem lill-imputat b’mod abbuziv jew jghajjru. Xehed ukoll illi l-imputat dak il-hin “kien ecitat hafna u qisu ppanikkja” (ara fol 53). PC 99 xehed illi l-karozza tal-imputat kienet wahda tal-Maltacom il-ghaliex kellha dan il-kliem stampat fuqha. PC 99 ikkonferma illi l-imputat kien qallu li ma kellux identity card fuqu, u li kien urih xi bill of lading, u xi credit cards.

Mix-xhieda tal-Ispettur Paul Vassallo, a fol 70 et seq, jirrizulta illi huwa kien irceva ittra f'Jannar 2000, b'ilment li zewg Pulizija kienu waqqfu lill-imputat u kellmuh hazin. Illi ghaldaqstant huwa kien baghat ghal dawn iz-zewg ufficjali tal-Pulizija biex jinvestigahom, u dawn irrilaxxaw stqarrija li giet esebita fil-process bhala PV1 u PV2.

L-Ispettur Vassallo xehed illi r-rakkont tal-imputat ma kienx jaqbel ghal dak li hu hinijiet, stante illi fl-ittra li kienet giet mibghuta minn Dr Azzopardi, l-incident kien suppost gara bejn it-tmienja u nofs u d-disgha, waqt illi l-imputat fl-istqarrija illi ta lill-Ispettur kien qal illi l-incident kien gara bejn l-ghaxra u l-hdax ta' filghodu.

L-Ispettur Vassallo xehed illi huwa, ghaldaqstant, kien ipprova jivverifika l-hinijiet tax-xoghol tal-imputat mal-Maltacom, izda dawn ma tawx informazzjoni stante illi dan kien sigriet minhabba n-natura tax-xoghol tieghu.

In kontro ezami, l-Ispettur Vassallo xehed illi l-imputat fil-proceduri quddiem il-Magistrat Dr Scerri Herrera, kien indika illi mid-data track tal-karozza tieghu, jirrizulta illi l-incident kien gara fl-ghaxra ta' filghodu.

L-Ispettur Vassallo kkonferma illi l-imputat kien qallu illi n-numru tal-Pulizija kien mghotti bi flokk, li dan huwa parti mill-uniformi tal-mobile squad. L-Ispettur Vassallo kkonferma wkoll illi l-imputat qallu li huwa seta' jara numru ta' wiehed mill-Pulizija biss, u cioe' dak ta' PC 99. Ir-rapport li kien ghamel dwar dan kollu, l-Ispettur Vassallo gie esebit u mmarkat bhala dokument PV4.

A fol 100, Carmelo Mifsud, kap tar-Rizorsi Umani tal-Maltacom, esebixxa zewg "time sheets", cioe' dawk tal-14 ta' Novembru 2000 u tal-25 ta' Jannar 2001.

Joseph Cilia, ex-membru tal-Korp tal-Pulizija, xehed illi l-imputat, fl-14 ta' Novembru 2000, kien ghamel rapport fl-ghassa tal-Pulizija tal-Hamrun, illi waqt illi kien ghaddej fit-Triq Dicembru 13, kien hemm karozza miexja bil-mod quddiemu fl-outer lane, daqqilha l-horn u din ma warrbitlux, u kif qalaghha, din l-istess karozza qabzitu,

griet warajh, u waqqfitu u hareg wiehed illi qallu li kien Pulizija, pero' kien liebes pajzan.

Illi ndirizzah bil-kliem "Li kieku lqattni kont nifqaghlek wiccek". Hareg persuna ohra mill-karozza li kien liebes l-uniformi tal-Pulizija b'numru 99. Cilia xehed illi l-imputat kien qallu biex jaghmel ir-rapport bil-kliem "jiena just qed naghmel rapport ghal records biss, ghax jiena ma nafx jekk hux veru Pulizija jew le" (ara fol 104).

P.L. Noel Scerri, a fol 107, mill-legal office tal-Maltacom, u esebixxa dokument NS, ikkonferma wkoll illi l-indirizz tal-imputat kien ta' "Penny Lane" Triq Bettina, Gudja.

A fol 110 et seq, xehed l-imputat Darren Gatt, illi kkonferma li huwa kien impjegat mal-Maltacom bhala "shipping clerk". Xehed illi huwa kien involut f'"hold up" u ghaldaqstant baqa' jibza' specjalment meta kien ikun qed igorr ammont sostanzjali ta' tele-cards. Fid-data ndikata, cioe' fit-13 ta' Novembru, xoghlu kien illi jitla' Hal Luqa u jigbor it-tele-cards.

Xehed illi fit-Triq Dicembru 13, kien hemm Opel Tigra qed issuq fuq l-outer lane, b'xi twenty jew twenty five miles an hour, daqq il-horn u teptep id-dawl, imbaghad oltrepassaha. Kif ghamel hekk, din il-karozza bdiet issegwih. L-imputat stqarr illi ma kienx jaf li kienet karozza tal-Pulizija. Din il-karozza lahqitu l-Blata l-Bajda "sadanittant nizel id-driver li kien liebes pullover fuq l-uniformi, qalli "li kieku messejtni", dejjem b'ton arroganti, "kont nifqaghlek wiccek". U tani daqqa hafifa fuq spallti". Talbuh l-identity card u d-driving licence u l-imputat irrispondihom li dawn kienu fil-karozza privata tieghu.

Wara li dik il-persuna qaltlu illi huwa kien ser jorqod id-DEPOT dak il-lejl, l-imputat gie mitlub l-identity card number u l-indirizz, u hemmhekk tahom din l-informazzjoni. L-imputat ukoll urihom zewg credit cards li kellu fuqu. Meta l-imputat irritorna lura x-xoghol, kellem lil Joe Zammit u lill-Avukat tal-korporazzjoni.

A fol 118, l-imputat xehed illi huwa ma setax jara n-numru ta' wiehed mill-Pulizija stante li dan kien liebes flokk, u seta' jara biss in-number ta' PC 99. Xehed ukoll illi fil-proceduri quddiem il-Magistrat Consuelo Scerri Herrera, kien instab hati biss illi kien qed isuq bla seatbelt, u li qasam il-lane minghajr ma ghamel l-indicator. Ghall-bqija, u cioe' l-akkuza tas-sewqan perikoluz, li tkellem hazin jew offenda b'mossi oxxeni, u sewqan bi speed eccessiv, huwa kien gie lliberat. Kien gie wkoll illiberat illi huwa b'xi mod ghajjar lill-Pulizija.

A fol 120, l-imputat xehed illi wara li huwa kien ghamel rapport"For record purposes" biss, u wara li ghaddew xi gimghatejn jew tlieta mill-incident u ra illi ma kien gara xejn, kien taht l-impressjoni li dan il-kaz kien intesa. Meta pero' rcieva c-citazzjoni f'Jannar, u wara l-ewwel seduta fejn kien xehed PC 1459, kien ha l-parir tal-Avukat biex jaghmel il-kwerela.

Ghar-rigward tal-hinijiet, a fol 121, l-imputat spjega illi huwa kien ha l-hinijiet mid-data track records tal-karozza tieghu, fejn gie ndikat li l-incident kien gara bejn l-ghaxra u l-hdax ta' filghodu. Xehed ukoll illi huwa dakinhar kellu 35,700 tele-cards fuqu, ta' valur bejn Lm2 u Lm5 kull wahda. L-imputat xehed illi ma kienx ikollu ghalfejn jiehu passi kontra z-zewg Pulizija, kieku ma rceviex ic-citazzjoni dwar l-akkuzi tat-traffiku. Dan ma jfissirx li l-affarijiet filfatt ma sehhewx. Hu nnega illi l-kwerela saret bhala vendetta.

A fol 141, Dr Jason Azzopardi kkonferma l-kwerela illi ghamel ghan-nom tal-imputat, u xehed illi fl-ewwel seduta fil-proceduri li kienu qed isehhu quddiem il-Magistrat Scerri Herrera, PC 1459 kien liebes pullover abjad fuq l-uniformi. Ipprezenta wkoll dokument JA, ittra mis-Supretendent Ronald Kelly, li nfurmatu illi ttiehdu proceduri disciplinarji kontra PC 1459, f'liema procedura ta' dixxiplina "ukoll instabet htija kontra l-membru koncernat." (ara dokument JA a fol 144).

Raymond Fava, ta "a character reference" tal-imputat, u ddeskrivieh bhala persuna capacissimu, persuna responsabbli u galbat.

Charles Zammit, trade controller mal-Maltacom, iddeskrivih bhala persuna generuza u bil-hin taghha.

Joseph Zammit ikkonferma li dakinhar tal-incident, Darren kien irrapurtalu li kien gie mwaqqaf minn zewg persuni, li qalu li kienu Pulizija, li talbuh id-driving licence u l-insurance, li ghalhekk huwa mar jirraporta lill-kap taghhom.

Filfatt, dan tal-ahhar cempel l-ghassa tal-Pulizija z-Zejtun li nfurmawh li kien ghad ma dahal l-ebda rapport. Kompla jixhed li l-imputat deher bezghan stante li kellu kwantita' kbira ta' tele-cards, u haseb li setghet kienet hold-up. Beza' wkoll ghaliex ma dehrux li kienet attegjament normali ta' Pulizija minhabba l-ghajjat li kien hemm u s-suppervja fl-attegjament taghhom.

Id-data track records giet esebita u mmarkata bhala dokument DG5 a fol 173.

Is-sentenza tal-Magistrat Dr Scerri Herrera tinstab a fol 176.

Ikkunsidrat:-

Illi l-inkonsistenzi fix-xhieda ta' PC 99 u fix-xhieda ta' PC 1459, ixxejnu addirittura l-kaz tal-Prosekuzzjoni. Dan qieghed jinghad ghal diversi ragunijiet: illi filwaqt li fix-xhieda tieghu, PC 1459 isostni repetutament li huwa kien liebes l-uniformi tal-Pulizija, fis-sentenza dokument JA1 a fol 183, jirrizulta illi PC 99 ikkonferma li PC 1459 kellu "jumper" fuq l-uniformi. Dan l-istess "jumper" abjad kien qieghed fuq l-uniformi ta' PC 1459 meta xehed quddiem dik il-Qorti. Din irrizulta mix-xhieda ta' Dr Jason Azzopardi, a fol 141.

Illi in oltre, fil-proceduri dixxiplinari kontra PC 1459, l-ufficjal investigattiv l-Ispettur Paul Vassallo kellu s-

segwenti x'jirrimarka: (ara fol 96) "…even more so when they should have been on duty or at their quarters preparing for Court, and not covering up PC Buttigieg forgetfulness. In this regard, I believe that PC Buttigieg may have to answer for his negligence."

Apparti dana kollu, fl-ittra dokument JA a fol 144, is-Supretendent Ronald Kelly kellu dan xi jghid: "kif forsi taf il-klijent tieghek gie misjub hati mill-Qorti Kriminali fuq uhud mill-akkuzi migjuba kontra tieghu, filwaqt li fi proceduri ta' dixxiplina, ukoll instabet htija kontra l-membru koncernat", u cioe' l-istess PC 1459 Mark Buttigieg.

Illi minn naha l-ohra, din il-Qorti wara li ezaminat bir-reqqa il-komplessita' tax-xhieda, sabet illi l-verzjoni tal-imputat kienet wahda konsistenti hlief ghal dak li jikkoncerna l-hin (din il-Qorti ser titratta dwar dan il-punt iktar 'l quddiem). Illi l-imputat xehed, u din il-Qorti fehmet il-preokkupazzjoni u l-biza' tal-imputat, li kien ghaddej b'merkanzija ta' tele-cards li kienu jiswew madwar Lm80,000-Lm100,000. Il-Qorti apprezzat ukoll illi l-imputat li kien diga' vittma ta' hold-up li kienet sehhet xi zmien qabel, u rinfaccjat b'karozza li ssegwih u timpedih meta l-persuni lanqas ma kienu lebsin l-uniformi solita' ta' Pulizija, ghamel hiltu kollha biex jevita l-**karozza** u **mhux** biex jevita l-ligi.

Illi ghar-rigward tal-hin li fih sehh l-incident, din il-Qorti tifhem illi l-imputat kien taht l-impressjoni li dan l-incident kien sehh bejn it-tmienja u nofs u d-disgha ta' filghodu, u sar jaf bil-hin preciz biss wara li ccekkja fuq id-data track records tieghu tal-gurnata li fih sehh l-incident. Illi l-varjazzjoni fil-hin mhijiex straordinarja, jew esagerata u tikkonsisti fi ftit 'l fuq minn siegha.

Illi ghaldaqstant, din il-Qorti ma tarax kif il-Prosekuzzjoni tippretendi li waslet ghal livell probatorju fil-kamp li jrid il-Kamp Kriminali, cioe' beyond reasonable doubt, biex tipprova illi l-imputat iddenunzja lill-Pulizija reat illi hu kien jaf illi ma sarx, jew li halaq b'qerq xi tracci ta' reat. Lanqas ma gie ppruvat bl-ebda mod illi l-imputat wegga' lil PC

1459 bi kliem, gesti, kitba jew disinji jew b’xi mod iehor. Mill-provi jidhru illi l-fatti kienu propjament il-kuntrarju.

Il-Qorti ssib lill-imputat mhux hati skond l-akkuza u qed tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------